Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1808/2003

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Peter Borg Costanzi LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 13 ta’ Jannar, 2005**

**Talba Nru: 1808/03PBC**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Justin Brincat**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm192.29c (mija u tnejn u disghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku bin-numru 21385093.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fit-2 ta’ Dicembru, 2004 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba ghal Lm155 (mija u hamsa u hamsin lira Maltin).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm155 (mija u hamsa u hamsin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------